# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 105**

**Citaz. Nru. 1895/97GV**

Doc. 106-01

**David Gauci ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Omnitec Limited**

**vs**

**Charles Dimech**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici fis-somma ta' erbat elef u seba' mija u tnax il-Liri Maltin (Lm4,712.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet ta' *"Earthing"* f'diversi toroq fil-Qawra rezi lill-konvenut mill-istess kumpanija attrici, liema bilanc ilu dovut fl-intier tieghu mit-12 ta' Frar, 1997, hekk kif jidher minn kopja ta' *statement* mibghut lill-konvenut, liema kopja hija hawn annessa u markata Dok. A;

Premess illi ghalkemm debitament interpellata diversi drabi kemm verbalment kif ukoll bil-miktub u anki permezz ta' ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju 1997, li kopja taghha hija hawn annessa u markata Dok. B, biex thallas, izda l-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi ai termini tal-Artikolu 167 (1)(a) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan id-dejn huwa cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt, u sa fejn taf is-socjeta'

attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet tas-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant, l-attur nomine talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,712.00;

2. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju, 1997, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 27 tal-process fejn eccepixxa

1. Illi t-talba attrici hija esagerata stante illi l-prezz miftiehem fuq kull '*earth electrode*' kien ta' tnax il-lira (Lm12) il-wiehed u mhux Lm16 waqt li l-ammont ta' '*electrodes*' huwa eccessiv u ghalhekk irid jigi verifikat;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

L-attur nomine qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4,712.00 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ta' *earthing* f'diversi toroq fil-Qawra rezi lill-konvenut mill-kumpanija attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li t-talba attrici hija esagerata stante li l-prezz miftiehem fuq kull *earth electrode* kien ta' Lm12 il-wiehed u mhux Lm16, waqt li l-ammont ta' *electrodes* huwa eccessiv u ghalhekk irid jigi verifikat.

**PROVI**

**David Gauci** xehed li l-konvenut kien ha kuntratt minghand il-Water Services biex jaghmel it-tibdil tal-*mains* fil-Qawra. Kien baghat ghalih biex, fejn jidhol l- *earth electrode*, jaghmlu hu bil-prezz ta' Lm16 il-wiehed. Il-konvenut kien ha l-kuntratt bl' Lm20 il-wiehed minghand il-Water Services. F'dawn is-Lm16 kien hemm inkluz il-VAT. Ix-xoghol tlesta u gie approvat mill-Water Services. Hu esebixxa d-dokumenti minn fol. 33 sa 38 *rough document* (u fotokopji ahjar a fol. 68 sa 73) tax-xoghol li ghamlu. Il-prezz globali kien ta' Lm 6,200.80c Vat inkluz. Il-konvenut kien hallsu Lm900 meta kien qed isir ix-xoghol imbaghad waqaf. Kien iccekkja l-kontijiet mal-konvenut u l-ammonti kienu jaqblu izda l-konvenut rrabbja u offrilu Lm2,300 biss ghas-saldu izda m'accettax. Il-konvenut kien ghamel tliet pagamenti ammontanti b'kollox ghall Lm900.

**Il-konvenut** xehed li huma kienu ftehmu bit-Lm12 kull *earth electrode* u ma kienx hemm l-ammont ta' *electrodes* li l-attur qed jippretendi lii saru. Ma kienx sar ftehim bil-miktub. Hu kien rebah it-*tender* bis-Lm16 kull wahda minghand il-Korporazzjoni. Hu kien lahaq ftehim ma' l-attur biex jaghmilhom bit-Lm13 il-wahda. Inoltre l-attur kien ghamel 200 *electrode* u

mhux 305 kif qed jippretendi, ghalhekk ma kienx hallsu. Ma taghmilx sens li hu jirbah *tender* bis-Lm16 u jaghtih b'sub appalt lil haddiehor bl-istess prezz, meta hu kellu wkoll jaghmel xoghol iehor ta' riparazzjonijiet wara li jitwahhlu l-*electrodes*.

Meta rega xehed il-konvenut qal li hu ha it-tender bl' Lm14 il-wahda u ftiehem ma' l-attur bit-Lm12 il-wahda u mhux bis-Lm16. Kien qal lill attur biex jiccekkjaw ix-xoghol izda l-attur ma marx. Hu kien thallas mill-Water Services tat-*tender*.

**Christopher Vella** xehed u esebixxa lista ta' kemm saru *electrodes* a fol. 53 sa 65.

**Vincent Cilia** xehed li l-pagamenti saru kollha lill-konvenut fuq ic-certifikati li esebixxa Christoper Vella. Hu ma jistax ighid kemm kien it-total tal-pagamenti li saru ghal dawn l-*electrodes*.

**Stephen Galea St. John** xehed fuq il-*file*. Qal li l-kuntrattur ghamel 139 *earth electrode* fil-lokalita'. Il-prezz kien ta' Lm16 kull *electrode*. Hu esebixxa d-dok. SJ a fol. 91. Din il-lista kien ghamilha l-kuntrattur

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-konvenut qed jikkontesta t-talba ta' l-attur billi qed jissottometti li l-ftehim kien bit-Lm12 ghal kull *electrode* li ghamel l-attur u mhux bis-Lm16 kif qed jippretendi l-attur, u inoltre ma sarx l-ammont ta' *electrodes* li l-attur qed ighid li ghamel.

**FTEHIM**

Dwar l-ewwel kontestazzjoni, jirrizulta mill-provi li ngabu, li bejn il-partijiet ma

kienx sar ftehim bil-miktub fuq il-prezz tal-*electrodes*. L-attur jghid li l-ftehim kien ta' Lm16 ghal kull *electrode* li jwahhlu u l-konvenut jghid Lm12 (jew Lm13) kull wiehed.

L-attur xehed li l-konvenut kien ha t-*tender* bl-Lm20 minghand il-Water Services mentri l-konvenut darba jghid li hadu bis-Lm16 u darba ohra bl' Lm14.

Il-konvenut argumenta li ma setghax ha t-*tender* bis-Lm16 imbaghad jaghtih lill attur bl-istess prezz. Apparti li l-konvenut ma jidhirx li hu cert bil kemm ha t-*tender*, hu lanqas ma gab prova biex juri b'kemm hadu, u b'kemm thallas mill-Water Services. Il-prova li saret bix-xhud Stephen Galea St. John mhiex konklussiva.

Il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti ezibiti, tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt il-ftehim kien kif xehed l-attur billi jirrizulta specjalment mid-dokument a fol. 6 li l-konvenut kien ghamel tliet pagamenti akkont ta' l-ammont totali bir-rata ta' Lm16 kif qed jghid l-attur. Fl-*invoice* hemm indikat car li r-rata kienet ta' Lm16 u l-konvenut hallas b'dik r-rata.

**Ammont ta' electrodes.**

Dwar it-tieni kontestazzjoni tal-konvenut li saru inqas *electrodes* minn 305 li qed jikklemja l-attur, id-dokumenti ezibiti mill-attur jikkonfermaw li fil-fatt l-attur ghamel dak in-numru ta' *earth electrodes* kif indikat fid-dokumenti a fol. 33 sa 38 jew 53 sa 65 jew 68 sa 73. Il-konvenut qed jippretendi li l-ammont hu izghar, cioe' 139, kif semma Galea St. John. Dawn id-dokumenti kien ezibihom l-attur stess u x-xhud u l-konvenut ma hadux in konsiderazzjoni l-fatt li fejn hemm indikazzjoni bl-ittra X li sar *earth electrode* dina X mhiex dejjem tindika *electrode* wahda imma hemm postijiet fejn X tirrapprezenta aktar minn *electrode* wahda ghax saru diversi *electrodes* f'indirizz wiehed, bhal fejn kien hemm flats: ara per ezempju d-dokumenti a fol 53, 55, 58, 60 u 61.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**